

# L-IKONOGRAFIJA – Publju ta' Malta

## *L-istatwa li ddur minn post għall-ieħor biex ixxerred id-devozzjoni lejn il-qaddis*

**Kitba ta' Patri Raymond Falzon ofm.**
f'isem l-Assoċjazzjoni Publju ta' Malta

### 1. Għalkemm Statwa, din hi Ikona

L-istatwa ta' Publju ta' Malta, bħall-kitba ta' kull ikona oħra, miktuba bi ħsieb u b'riflessjoni u ppreżentata għar-riflessjoni tal-oħrajn, trid tnissel ħsibijiet u talb li jwasslu lejn il-blata tagħna: KRISTU ĠESÙ li jgħidilna "Li min jara Lili jara lil Missieri." Dan inissel fil-bniedem li jara din ix-xbieha spazju, tieqa, li minnha jittawwal biex hekk jilmaħ il-Preżenza ta' Alla permezz tal-persuna li diġà għexet il-Vanġelu, ħajjitha fi Kristu Ġesù Sidna.

Din l-istatwa, imqiegħda fuq l-għuda, bradella merfugħa minn 6 reffiegħa dgħajfa bħall-ġarar tal-fuħħar li jġorru teżor prezzjuż. Tintrefa' bi 3 bsaten, l-enerġija tat-twemmin f'Alla Missier u l-Iben Ġesù, il-Kristu u l-Ispirtu s-Santu. Marbut ma' pedistall bi tmien faċċati, virtujiet u beatitudnijiet li n-Nisrani mistieden li jgħix biex jilħaq il-ħajja fil-milja tagħha. Dan nagħmluh bix-xemgħa tal-magħmudija mdawla f'idejna sakemm niltaqgħu ma' Kristu Ġesù il-Mulej, id-dawl u t-triq tagħna u nkunu jistħoqqilna l-kliem: "Idħol qaddej fidil fis-saltna u ħu l-kuruna tal-glorja".

### 2. Ir-Raġġiera

Is-Sinjal tal-Preżenza ta' Alla fil-ħajja tal-bniedem li jiddawwal meta jinfetaħ għal Alla u l-Messaġġiera tiegħu, speċjalment għal Ibnu Kristu Ġesù u l-Aħbar it-Tajba li tana: L-EVANĠELJU

### 3. Wiċċ Publju ta' Malta:

Fl-Atti tal-Appostli nsibu, li dawk li ħelsu mill-għarqa ġew milqugħa minn Publju il-Ħakem tal-Gżira -Malta li politikament kienet tagħmel mal-Provinċja ta' Sqallija. Il-Praetor ta' Sqallija kien irrappreżentat f'Malta minn Legat li kien jissejjaħ *Melitensium Primus Omnium*. Dan kien Publju, Malti, mogħni b'uffiċċju Ruman.



*Statwa ta' San Publju fuq il-Gżejjer ta' San Pawl*

Din id-dinjità hi rrappreżentata permezz taż-żigarella ta' rasu. (Ara Atti 28, 7)

Bniedem ta' għerf u għaqal fit-tmexxija ta' poplu li tiegħu kien il-Ħakem. Il-Ħakem li b'għemilu u bl-eżempju ġibed il-Maltin ta' żmienu lejn dawk li raw l-għarqa biex għenuhom kemm damu fi gżiritna u kemm meta baħħru mill-ġdid minn artna. Dan hu li ġie mrawwem biex ikun ir-ras tal-komunità Nisranija ġdida f'Malta.

### 4. L-idejn ta' Publju ta' Malta

Il-lemin – id ta' ħakem li jmexxi u jagħti tmexxija lill-poplu, imma mimlija ħlewwa fil-laqgħa li ta lir-refuġjati, inklużi Pawlu, Luqa u Aristarku li nnawfragaw fi gżiritna. Hu, li l-ewwel li jilqagħhom f'daru. L-id ix-xellugija ferma fuq iċ-Ċippus ta' Melqart, wirt u twemmin il-passat li Malta ħaddnet. Kliem barbaru, imħażżeż fuqha, Puniku, ilsien il-Feniċi, b'talba lejn l-allat u s-superstizzjonijiet tagħha u nsibu fiha wkoll, tradizzjoni Griega. L-id il-leminija issa tbiddel ir-rotta u toffri direzzjoni ġdida fejn ser inħarsu biex inġibu l-enerġija biex naqdfu 'l quddiem bi Kristu, ma' Kristu u fi Kristu.

### 5. Riġlejn Publju ta' Malta

Ir-riġel tal-lemin, fis-sod wieqaf fuq blat Gżiritna u l-blata l-ġdida li fuqha bdejna ninbnew fi

Kristu Ġesù, li jistedinna nibnu d-dar tagħna fuq il-blat u mhux fuq ir-ramel. Is-sieq l-oħra x-xellugija, filwaqt li sserraħ fuq iċ-Ċippus, fl-istess ħin jisħaq ras is-sultan tad-dinja bir-raġuni, tal-ġungla, l-iljun. L-iljun maestuż u f'idejh il-ballun, il-kontroll tad-dinja. Il-Liġi tal-ġungla li min hu kbir jaħtaf u juri l-qawwa tiegħu billi jkasbar liż-żgħir, lill-batut u lid-dgħajjef għax ma jiflaħx jeħodha miegħu. L-iljun hu s-simbolu u l-istrument tal-qerda u l-martirju. L-iljun li b'xagħru mqanfed u mżejjen bis-seba' sriep: il-ġibdiet tal-bniedem; l-aljenazzjonijiet tal-bniedem li jġibu l-qerda imma mirbuħa, bħalma San Pawl bil-qawwa ta' Alla u l-Ispirtu ta' Kristu li takkumpanjah, rebaħ fuq il-lifgħa li xejjen minn idejh.

### 6. Ilbies Publju ta' Malta

Surtu, hi mżejna bi lbies li jikxef is-sejħa tiegħu– ta' ħakem; żigarella fuq rasu u tunika Rumana bajda b'faxxi ħomor taħt il-mantell ħamrani rikk; il-kamżu tal-bizzilla/xogħol artistiku kif jaħdem Alla fil-Pjan tal-Fidwa. Fil-każ tagħna, nisġa ta' avvenimenti bħall-bizzilla – in-nawfraġju ta' Pawlu, Luqa, Aristarku u sħabhom, il-ħuġġieġa u l-lifgħa, il-fejqan ta' missier Publju u t-tliet xhur fostna fejn ġie milqugħ b'imħabba u ħlewwa sew hu u sew in-nawfragi kollha. Il-mantell/Casula hu s-setgħa mgħoddija lilu bit-tqegħid tal-idejn flimkien mal-Palju/Grieg u Mitra/Rumana u Baklu, li barra minn ħakem narawh bħala l-Isqof tal-Gżira, ragħaj it-tajjeb.

Publju ta' Malta, mexxej, għalliem, u dak li jqaddes. Mużajk ta' passaġġi minn Knisja Nattiva għal dik Biżantina u Rumana.

F'din l-ikona ta' Publju ta' Malta, hemm miġbura ġrajjiet il-komunità Nisranija ta' Knisja Maltija.

L-istatwa ġiet maħduma fuq stil tal-istatwi magħrufa f'Lecce taħt id-direzzjoni ta' Patri Raymond Falzon OFM. Il-wiċċ, l-idejn, is-saqajn u l-iljun huma skultura tal-fuħħar minn Antoine J. Hili, il-vestwarju fin inħadem minn Doreen Gatt, filwaqt li l-kamżu restawrat kien jintuża mill-Kanonku Dekan Publio Farrugia, kanonku tal-kolleġjata ta' San Pawl Nawfragu fil-Belt Valletta u eks Prokuratur tal-knisja ta' San Publju fil-Furjana. Il-bradella u l-predestall flimkien ma' xogħol ieħor ġie maħdum minn Stephen Camilleri. Xogħol ieħor fl-istatwa sar minn Stephen Giusti u Publio Agius.

Din il-biċċa xogħol tal-arti ġiet ikkummisjonata mill-Assoċjazzjoni Publju ta' Malta u bl-approvazzjoni ta' Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna qed tintuża f'diversi pellegrinaġġi bħala mezz ta' devozzjoni lejn dan il-qaddis ta' importanza nazzjonali. Fl-ewwel sena mill-eżekuzzjoni tagħha l-istatwa ħarġet f'madwar sitt postijiet fosthom f'pellegrinaġġ fuq il-Gżejjer ta' San Pawl, f'Burmarrad, il-post tradizzjonalment marbut mal-oqsma tal-qaddis u anke ġewwa r-residenza San Vinċenz De Paule.

publjumlt@gmail.com

facebook: Assoċjazzjoni Publju ta' Malta




CARUANA SUNSHADES



SUN SHADES LIMITED

www.caruanasunshades.com

Tel: 21384796
Mob: 99888987, 79237305